MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 757/2001/1

**Paul u Mary konjugi Aquilina**

**vs**

**Anthony u Grace konjugi Pavia**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira maltin (Lm1323.00,0) bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol ta' installazzjoni ta' dawl, ilma, drenagg u komunikazzjonijiet ohra li saru minn Paul Aquilina, fil-propjeta' taghhom f'Birguma xoghol li sar f'interess u fuq

inkarigu taghhom kif ukoll is-somma ta' Lm319.72 bhala VAT fuq servizzi tal-attur, b'kollox elf, sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1642.72,0).

B'ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Mejju 2001, tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2001, bl-imghaxijiet legali mill-istess data.  Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

Fl-ewwel lok illi l-atturi qed jippretendu hlas ta' xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti;

Fil-tieni lok u bla pregudizzju illi l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur Paul Aquilina ghall-konvenuti, huwa ferm oltre dak miftiehem bejn il-partijiet kontendenti u addirittura huwa oltre il-valur fuq is-suq lokali relattiv ghall-istess tip ta' xoghlijiet;

Fit-tielet lok u bla pregudizzjoni illi l-valur ta' VAT maghdud mill-atturi fuq is-somma pretiza minnhom huwa ferm esagerat u bl-ebda mod ma jirrispekkja il-15% taxxa kontemplat fil-Ligi;

Fir-raba' lok u bla pregudizzjoni ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuti lill-atturi stante li l-istess konvenuti hallsu dak kollu minnhom dovut ghat-tip ta' xoghol esegwit lilhom mill-attur Paul Aquilina, u dana kollu kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-8 ta' April 2002 (fol 13 ibid) u dan in rigward in-nomina ta' espert tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku kif ukoll l-atti kollha annessi mal-istess relazzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 71 tal-atti.

Rat in-nota tal-konvenuti a fol 82 et seq ibid kif ukoll ir-risposti tal-istess perit tekniku a fol 87 et seq ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti rat u analizzat ir-relazzjoni sottomessa mill-espert tekniku u minnha ghandhom jirrisultaw is-segwenti fatti:-

a) L-attur jidher li esegwixxa in generali l-appalt moghti lilu skond l-arti w is-sengha rikjesta minnu.
b) Difatti jidher mill-istess relazzjoni illi l-Perit Tekniku ra w ikkonstata biss zewg nuqqasijiet da parti tal-attur, liema nuqqasijiet jidhru li huma minimi u mhux sostanzjali. Dawn in-nuqqasijiet huma xoghol li ma giex esegwit stmat Lm50 u xoghol li sar fuq is-sistema tal-antenna tat-televisjoni li ma kienx sar kif rikjest mill-arti w is-sengha u li gie stmat Lm112.50,0. A basi ta' dan, f'dan il-kaz fejn, kif di gja inghad, dawn in-nuqqasijiet huma minimi, l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jitnaqqas bis-somma ta' Lm162.50,0.
c) In rigward dak mitlub bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jkun hemm tnaqqis minhabba dak li ntqal fil-paragrafu (b) "supra", l-ammont specifikat fl-avviz ossija Lm319.72,0 ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' Lm24.38,0.
d) Ghandu jigi sottolineat illi l-konvenuti di gja ghandu diversi pagamenti bbazati fuq ir-rati tax-xoghol kkwotati mill-istess attur, liema rati jidhru li kienu ragjonevoli u accettati mill-konvenuti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti wara li jsir it-tnaqqis kif hawn fuq speciifkat u cjoe Lm1160.50,0 bhala bilanc dovut fuq il-prezz ta' xoghol esegwit mill-attur u Lm295.34,0 bhala taxxa fuq is-servizzi resi mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm1160.50,0 bhala bilanc minn somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ istallazzjoni ta’ dawl, ilma, drenagg u komunikazzjonijiet ohra esegwiti mill-attur fil-propjeta’ tal-konvenuti f’Birguma, xoghol li sar f’interess u fuq inkarigu tal-konvenuti kif ukoll is-somma ta’ Lm295.34,0 bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq is-servizzi resi mill-attur, b’kollox Lm1455.84,0 u dan bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tal-17 ta’ Mejju 2001 u ta’ dik ufficjali tal-21 ta’ Gunju 2001.”

Kjarament mill-inkartament tal-kawza jirrizulta li t-talba promossa mill-atturi hi tendenti ghall-hlas tal-bilanc tal-valur ta’ l-appalt, konsistenti f’ installazzjoni ta’ dawl, ilma, drenagg u komunikazzjonijiet ohra ezegwiti mill-atturi fil-fond tal-konvenuti. L-ewwel Qorti nnominat espert tekniku li wasal ghal certi konkluzjonijiet fil-perizja tieghu adottata mill-istess Qorti fid-decizjoni taghha. Il-konvenuti hassewhom aggravati b’ din id-decizjoni u bl-appell minnhom introdott qeghdin jitolbu r-revoka taghha. L-obbjezzjonijiet taghhom huma principalment diretti biex isostnu t-tieni eccezzjoni taghhom illi l-valur tax-xoghol huwa in eccess ta’ dak appattwit kif ukoll tat-tariffi stabbiliti fis-suq ghall-istess tip ta’ xoghlijiet. Hekk, bl-appell taghhom huma qed jissoktaw anke f’ din is-sede jimpunjaw u jirrezistu t-talba ta’ l-atturi b’ dawn l-ilmenti:-

(1) Il-kalkolu maghmul mill-espert tekniku hu zbaljat;
(2) Il-perit nominat kellu jsegwi il-ftehim bejn il-partijiet u mhux il-prezz tas-suq;
(3) Ghandu jsir tnaqqis ghal spiza zejda nkorsa minnhom minhabba xoghol hazin konness ma’ l-antenna tat-televizjoni;

Hi l-fehma tal-Qorti li ghandha bi preliminari tirregistra dawn ir-regoli probatorji f’ kazijiet ta’ din ix-xorta:-

(1) Fejn jezisti kuntrast fuq ix-xoghlijiet ezegwiti jinkombi fuq l-attur il-piz li jipprova l-entita` u l-konsistenza taghhom;

(2) Inversament, l-oneru li l-valur tax-xoghlijiet huwa esagerat jew eccessiv jaggrava fuq il-konvenut li jressaq din l-allegazzjoni b' difiza kontra t-talba ghall-hlas tal-kreditu pretiz jew ta' kull bilanc tieghu;

(3) Il-konsulenza teknika relativa ghal konstatazzjoni tal-kwalita` tax-xoghlijiet u/jew tal-valur pretiz ghall-istess xoghlijiet tikkostitwixxi prova bhal kull prova ohra istruttorja, u allura kkontrollata mill-gudikant, li jista' wkoll ma jaccettax dik il-perizja kontra l-konvinzjoni tieghu (Artikolu 681, Kapitolu 12);

(4) Minn dan isegwi illi jekk jirrizulta li l-konkluzjoni ta' l-espert tekniku tkun irragonevoli jew tikkontjieni zball sostanzjali u gravi, anke ta' kalkolu, li jekk accettata, twassal ghall-ingustizzja, din il-konkluzjoni ghandha titqieghed fil-genb jew, invece, u skond il-kaz, mitigata in bazi ghar-rizultanzi kollha ottenuti;

Dan ipprecizat, lanqas ma jista' jkun iddubitat illi l-gudizzju fuq id-determinazzjoni tal-valur ta' l-appalt ghandha natura kontenzjuza u dan igib li s-sentenza relativa hi mpunjabbli. Essenzjalment, fil-kaz taht ezami din l-impunjattiva mill-appellanti hi cirkoskritta ghal certu kalkolu maghmul mill-perit tekniku fil-perizja tieghu adoperata mill-ewwel Qorti;

Opportunement, jokkorri li jigu nkwadrati r-riljievi li jsegwu u li emergew quddiem din il-Qorti taht it-tirocinju ta' l-eskussjoni. Il-Qorti ser tittanta zzomm is-sekwela taghhom b' mod approssimativament kronologiku:-

(i) Il-*workings* tal-perit tekniku, elenkati a fol. 29, saru ghal fini ta' paragun biex jigi determinat jekk ir-rati miftehma kienux gusti jew le - fol. 120 u fol. 131. Dan ghandu jindirizza wkoll it-tieni aggravju ta' l-appellanti;

(ii) L-opinjoni tal-perit kienet li dawn ir-rati kienu ragonevoli - fol. 124;

(iii) Li kien sar zball ta' moltiplikazzjoni f' wiehed mill-kalkoli tieghu fl-ezercizzju separat li ghamel - fol. 124;

(iv) Li kien hemm affarijiet li l-perit ma hax in konsiderazzjoni ghaliex l-aktar li kkoncentraw il-partijiet kien fir-rigward ta' l-installazzjoni tad-dawl u ilma u xi ftit *pipe laying* - fol. 132. B' aktar precizazzjoni, *lighting and power points, circuit breakers, surface water drains* u *waste water drains* - fol. 150;

(v) In partikolari, ir-rata fis-suq ghal *twin points* kellha tkun ta' tnax-il lira (Lm12) - fol. 140;

(vi) Gie mill-perit tekniku accettat illi kien ha zball matematiku fil-*workings* tieghu a fol. 29 billi fir-rigward tat-*twin points* (69) u skond ir-rata applikabbli ta' Lm12, il-figura kellha tkun ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm828) u mhux dik ta' elf tliet mija u tmenin lira (Lm1380) - fol. 149;

(vii) Tali zball kien jinnecessita b' konsegwenza rettifikazzjoni ta' l-ammont ghad-dawl, fis-sens li minn elfejn mitejn u disgha u hamsin lira (Lm2259) dan jigi ridott ghal elf seba' mija u seba' liri (Lm1707), differenza din ta' hames mija u tnejn u hamsin lira (Lm552);

(viii) Tradott dan fil-konkret jigi li bejn l-istima ta' l-atturi u dik tal-perit kien hemm disparita` ta' 24%, li, fi kliem l-espert tekniku, hi "wahda konsiderevoli" - fol. 150;

Mill-kwadru premess din il-Qorti tara li l-aggravju ta' l-appellanti hu sew sostenut. Il-kont bilancjali kellu jkun dak ta' sitt mija u tmien liri Maltin u hamsin centezmu (<u>Lm608.50</u>). Ammont dan stabbilit wara li ttiehed qies tad-differenza bejn s-somma domandata mill-attur u d-differenza fil-valur skond l-espert tekniku, u t-tnaqqis rizervat mill-istess espert ghal xoghol li sar hazin fuq is-

sistema ta' l-antenna (Lm112.50) u dak l-iehor mhux ezegwit (Lm50). Oltre din is-somma bilancjali, u in vista tal-korrezzjonijiet necessitati, hu dovut ukoll lill-atturi fi hlas ta' VAT s-somma ta' mitejn u tnax-il lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm212.54,0);

Din il-Qorti ma tarax li tista' tikkonsentixxi ghat-tnaqqis ulterjuri (Lm440), kif pretiz mill-appellanti fit-tielet aggravju taghhom. Dan ghar-raguni illi minn imkien mill-atti ma tinsab suffragata minn xi prova din il-pretensjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont kanonizzat jigi ridott ghas-somma komplessiva ta' tmien mija wiehed u ghoxrin lira Maltija u erba' centezmi (Lm821.04,0) bilanc ta' prezz ta' appalt u l-VAT. L-ispejjez gudizzjarji kollha taz-zewg istanzi jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------